KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fis-16 ta' Diċembru 2015 [1]

Kawża C-476/14

Citroën Commerce GmbH
vs
Zentralvereinigung des Kraftfahrzeuggewerbes zur Aufrechterhaltung lauteren Wettbewerbs eV (ZLW)

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja, il-Ġermanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Avviż ta' reklamar b'indikazzjoni tal-prezz — Indikazzjoni separata tal-ispejjeż ta' trasferiment — Kunċetti ta' 'offerta' u ta' 'prezz inklużi t-taxxi' — Obbligu tad-dritt nazzjonali li jinkludi, fil-prezz indikat f'reklam, l-ispejjeż supplimentari mandatorji marbuta mat-trasport tal-karozza — Kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni — Prattika kummerċjali żleali — Stedina għax-xiri — Tagħrif importanti dwar il-prezz"

1. Id-dritt tal-Unjoni fih dispożizzjonijiet speċifiċi, fil-kuntest ta' pubblikazzjoni u ta' indikazzjoni tal-prezz, li reklam għal karozza li jsemmi b'mod separat il-prezz tal-prodott, minn naħa waħda, u l-ammont ta' spejjeż mandatorji ta' trasferiment mill-manifattur lix-xerrej, min-naħa l-oħra, għandu jkun sistematikament ipprojbit? Din hija l-kwistjoni f'dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 98/6/KE

2. Mill-premessa 1 tad-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi [2] jirriżulta li, "l-ħidma trasparenti tas-suq u l-informazzjoni korretta hija ta' benefiċċju għall-protezzjoni tal-konsumatur u kompetizzjoni f'saħħitha bejn l-intrapriżi u l-prodotti".

3. Il-premessa 2 tad-Direttiva 98/6 tfakkar li "l-konsumaturi għandhom ikunu garantiti minn livell għoli ta' protezzjoni".

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 32.

4. Il-premessa 6 tad-Direttiva 98/6 tistipula li "l-obbligu li jkun indikat il-prezz tal-bejgħ u l-prezz ta' prodott wieħed jikkontribwixxi sostanzjalment sabiex titjieb l-informazzjoni tal-konsumatur, peress li dan huwa l-eħfef mod li jgħin lill-konsumaturi sabiex jevalwaw u jikkomparaw il-prezz ta' prodotti fl-aħjar manjiera u b'hekk jagħmlu għażliet informati abbażi ta' paraguni sempliċi".

5. Il-premessa 7 tad-Direttiva 98/6 tkompli billi tindika "għal dan il-għan, għandu jkun hemm obbligu ġenerali li jkunu indikati sew il-prezz tal-bejgħ u sew il-prezz ta' prodott wieħed għall-prodotti kollha".

6. Mill-premessa 12 jirriżulta li "r-regoli fil-livell tal-Komunità jistgħu jiżguraw informazzjoni ta' l-istess xorta u trasparenti li tibbenefika lill-konsumaturi kollha fil-kuntest tas-suq intern".

7. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/6 jistipula li "[l]-għan ta' din id-Direttiva huwa li jistipula indikazzjoni tal-prezz tal-bejgħ u l-prezz għal kull unità ta' kejl ta' prodotti offruti mill-negozjanti lill-konsumaturi sabiex titjieb l-informazzjoni lill-konsumatur u tiffaċilita l-paragun tal-prezzijiet".

8. L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/6 jiddefinixxi l-prezz tal-bejgħ bħala "il-prezz finali għal unità tal-prodott, jew kwantità mogħtija tal-prodott, li jinkludi [t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)] u t-taxxi l-oħra kollha".

9. L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 98/6 jipprevedi li "[k]ull riklam li jsemmi l-prezz tal-bejgħ ta' prodotti li saret riferenza għalihom fl-Artikolu 1 għandhom jindikaw il-prezz ta' unità soġġett għall-Artikolu 5".

10. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/6 jistipula, b'mod partikolari li "[i]l-prezz tal-bejgħ u l-prezz ta' unità m'għandhomx ikunu ambigwi, għandhom ikunu identifikabbli faċilment u jinqraw b'mod ċar".

11. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 98/6 jipprevedi li "[l]-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw l-obbligu li jindikaw il-prezz ta' unità ta' prodotti li għalihom din l-indikazzjoni ma tkunx bżonnjuża minħabba n-natura jew l-għan tal-prodott jew li jkunu jistgħu joħolqu konfużjoni".

2. Id-Direttiva 2005/29/KE

12. Mill-premessi 3 u 4 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali")[3] jirriżulta li "il-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali juru differenzi ċari li jiġġeneraw distorzjonijiet sinifikattivi ta' kompetizzjoni u xkiel għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. […] Dawn id-disparitajiet jikkawżaw nuqqas ta' ċertezza dwar liema regoli nazzjonali japplikaw għal prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi u joħolqu ħafna ostakli li jolqtu lill-kummerċ u lill-konsumaturi. […] Dawn l-ostakli joħolqu wkoll inċertezzi għall-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom u jnaqqsulhom il-fiduċja fis-suq intern".

13. Il-premessa 6 tad-Direttiva 2005/29 tispjega li d-Direttiva għandha l-għan li "[…] tapprossima l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali, inkluż ir-reklamar żleali, li jagħmel ħsara b'mod dirett lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi u b'hekk jagħmel ħsara b'mod indirett lill-interessi ekonomiċi tal-kompetituri leġittimi. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, din id-Direttiva tħares lill-konsumaturi mill-konsegwenzi ta' prattiċi kummerċjali żleali bħal dawn fejn ikunu sostanzjali iżda tagħraf li f'ċerti każijiet l-impatt fuq il-konsumatur jista' jkun negliġibbli".

3 — ĠU L 149, p. 22.

14. Il-premessa 10 tad-Direttiva 2005/29 tistipula li "[h]u meħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza tar-relazzjoni bejn din id-Direttiva u l-liġi Komunitarja eżistenti, b'mod partikolari fejn dispożizzjonijiet dettaljati dwar prattiċi kummerċjali żleali japplikaw għal setturi speċifiċi. […] Għaldaqstant din id-Direttiva tapplika biss fejn m'hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi ta' liġi Komunitarja li jirregolaw aspetti speċifiċi ta' prattiċi kummerċjali żleali, bħal rekwiżiti dwar tagħrif u regoli dwar kif it-tagħrif ikun preżentat lill-konsumatur. Tipprovdi wkoll ħarsien għall-konsumaturi fejn m'hemmx leġiżlazzjoni speċifika settorali fil-livell Komunitarju […]. Din id-Direttiva konsegwentement tikkomplimenta l-acquis tal-Komunità, li huwa applikabbli għal prattiċi ta' kummerċ li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi. […]".

15. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/29 jiddikjara li "[l]-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li tikseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur billi tapprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi".

16. L-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2005/29 jiddefinixxi l-istedina għax-xiri bħala "komunikazzjoni kummerċjali li tindika karatteristiċi tal-prodott u l-prezz f'mod adegwat għall-mezzi ta' komunikazzjoni kummerċjali li ntużaw u li għalhekk tippermetti l-konsumatur jagħmel xirja".

17. L-Artikolu 3(1), (4), (5) u (6) jipprevedi dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' xi prodott.

[…]

4. Fil-każ ta' konflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u regoli Komunitarji oħra li jirregolaw aspetti speċifiċi ta' prattiċi kummerċjali żleali, dawn ta' l-aħħar għandhom jipprevalixxu u japplikaw għal dawk l-aspetti speċifiċi.

5. Għal perjodu ta' sitt snin minn 12 ta' Ġunju 2007, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam approssimat minn din id-Direttiva li huma iktar restrittivi jew preskrittivi u jimplimentaw direttivi li fihom klawżoli ta' armonizzazzjoni minima. […]

6. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe dispożizzjonijiet nazzjonali applikati abbażi tal-paragrafu 5."

18. L-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva 2005/29 huwa redatt kif ġej:

"1. Il-prattiċi kummerċjali żleali għandhom ikunu projbiti.

2. Prattika kummerċjali tkun żleali jekk:

a) hija kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali, u

b) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista' toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata […]."

19. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29 huwa redatt kif ġej:

“1. Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa meta, fil-kuntest fattwali tagħha, b’kont meħud tal-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha u tal-limitazzjonijiet tal-mezz ta’ komunikazzjoni, tħalli barra tagħrif importanti li l-konsumatur medju għandu bżonn, skond il-kuntest, sabiex jieħu deċiżjoni transazzjonali [kummerċjali] informata u għaldaqstant tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f’ċirkostanzi oħra.

2. Prattika kummerċjali għandha titqies ukoll bħala ommissjoni qarrieqa meta kummerċjant jaħbi jew jipprovdi b’manjiera mhux ċara, mhux intelliġibbli, ambigwa u/jew mhux f’waqtha, dak it-tagħrif importanti msemmi fil-paragrafu 1, b’kont meħud tal-kwistjonijiet deskritti f’dak il-paragrafu, jew jonqos milli jidentifika l-intenzjoni kummerċjali wara l-prattika kummerċjali jekk din ma tkunx diġà apparenti mill-kuntest u fejn, fi kwalunkwe każ, din tikkawża jew x’aktarx tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f’ċirkostanzi oħra.

[…]

4. F’każ ta’ stedina għax-xiri, it-tagħrif li ġej għandu jitqies bħala importanti, jekk ma jkunx diġà apparenti mill-kuntest:

[…]

c) il-prezz inklużi t-taxxi, jew fejn in-natura tal-prodott tfisser li l-prezz ma jistax b’mod raġonevoli jiġi kalkolat minn qabel, il-mod li bih il-prezz hu kalkolat, kif ukoll, fejn ikun xieraq, kull ammont ta’ ħlas addizzjonali għat-trasport ta’ merkanzija, ħlas ta’ kunsinna jew ħlas postali jew, fejn dawn l-ammonti ta’ ħlas ma jistgħux jiġu raġonevolment kalkolati minn qabel, il-fatt li tali ammonti ta’ ħlas addizzjonali jistgħu jkunu dovuti[;]

[...]

5. Ir-rekwiżiti ta’ tagħrif stabbiliti mill-liġi Komunitarja fir-rigward ta’ komunikazzjonijiet kummerċjali inklużi r-reklamar jew il-kummerċjalizzazzjoni li jinsabu f’lista mhux eżawrjenti fl-Anness II, għandhom jitqiesu bħala importanti”.

20. L-Anness II tad-Direttiva 2005/29 jagħti l-lista tad-dispożizzjonijiet Komunitarji li jistabbilixxu regoli għar-reklamar u għall-komunikazzjoni kummerċjali. F’din il-lista jinsab l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 98/6.

B – *Id-dritt Ġermaniż*

21. Skont il-Liġi kontra l-kompetizzjoni żleali (Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb, iktar ’il quddiem il-“UWG” [4]), il-prattiċi kummerċjali żleali huma pprojbiti jekk huma tali li jaffetwaw b’mod sinjifikattiv l-interessi tal-konsumaturi, tal-kompetituri jew ta’ atturi oħra fis-suq [5]. Kull min jikser dispożizzjoni legali intiża, b’mod partikolari, sabiex tirregola, fl-interess tal-atturi fis-suq, l-aġir fis-suq jikkommetti att ta’ kompetizzjoni żleali [6].

4 — Emendata fl-aħħar lok mill-BGBl. 2004 I, p. 1414.

5 — Artikolu 3(1) tal-UWG.

6 — Artikolu 4(11) tal-UWG.

22. L-Artikolu 1 tar-Regolament dwar l-indikazzjonijiet ta' prezz (Preisangabenverordnung, iktar 'il quddiem il-"PAngV"[7]) ittraspona, fl-ordinament ġuridiku Ġermaniż, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/6. Huwa jistipula li kull min joffri b'titolu kummerċjali jew professjonali, jew joffri regolarment b'xi mod ieħor, oġġetti lil konsumaturi finali jew, bħala bejjiegħ, jagħmel reklami lill-konsumaturi finali filwaqt li jindika prezzijiet, għandu jindika l-prezzijiet li għandhom jitħallsu inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud u l-komponenti l-oħra tal-prezz.

II – It-tilwima fil-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Citroën Commerce GmbH (iktar 'il quddiem "Citroën Commerce", hija kumpannija ta' distribuzzjoni ta' vetturi bil-mutur fil-Ġermanja. Fit-30 ta' Marzu 2011, hija ppubblikat avviż f'ġurnal ta' kuljum Ġermaniż għal vetturi offruti mill-fergħa tagħha tal-Land ta' Bayern. Ir-reklamar kien jagħti eżempju ta' mudell deskritt hekk: "Pereżempju Citroën C4 VTI 120 Exclusive: EUR 21 800 [1]", "bl-extras kollha inklużi", "Tnaqqis ta' prezz massimu: EUR 6 170 [1]". L-esponent "[1]" qed jirreferi għat-test li ġej, redatt b'ittri iżgħar in-naħa ta' isfel tal-avviż: "Minbarra EUR 790 ta' spejjeż ta' trasferiment […]".

24. Iż-Zentralvereinigung des Kraftfahrzeuggewerbes zur Aufrechterhaltung lauteren Wettbewerbs e.V. (grupp li jiddefendi l-kompetizzjoni leali fis-settur awtomobilistiku, iktar 'il quddiem iż-"ZLW") ippreżenta rikors kontra r-rikorrenti fil-kawża prinċipali abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-UWG, moqrija flimkien mal-Artikolu 1 tal-PAngV, bil-għan li tiġi ordnata tieqaf mir-reklamar mingħajr ma tindika l-prezz finali effettiv tal-vettura, jiġifieri l-prezz li jinkludi l-ispejjeż mandatorji ta' trasferiment.

25. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet ir-rikors ta' ZLW. Citroën Commerce appellat. Il-qorti adita ċaħdet l-appell. Citroën Commerce għaldaqstant ippreżentat rikors ta' "Reviżjoni" quddiem il-qorti tar-rinviju.

26. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont ġurisprudenza stabbilita dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tal-PAngV, huwa l-prezz finali tal-vettura li għandu, bħala regola, jiġi indikat fir-reklamar, jiġifieri l-prezz li jinkludi l-ispejjeż ta' trasferiment għaliex il-pubbliku jipperċepixxi dawn l-ispejjeż mhux bħala spiża supplimentari iżda, għall-kuntrarju, bħala parti integrali mill-prezz. L-indikazzjoni separata tal-prezz ma hijiex possibbli ħlief jekk il-konsumatur għandu l-għażla ta' żewġ possibbiltajiet, jiġifieri jmur jiġbor il-vettura mill-fabbrika tal-manifattur jew jitlob il-kunsinna tal-karozza fl-istabbiliment li fih ġie konkluż il-bejgħ, jew jekk ma jkunx possibbli li jiġi antiċipat l-ammont tal-imsemmija spejjeż. Fil-każ tar-reklamar inkwistjoni fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali, l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma ġiet issodisfatta. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-fatt jekk din il-linja ġurisprudenzjali nazzjonali hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

27. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li d-dritt nazzjonali hekk interpretat jista' jikkostitwixxi miżura "iktar restrittiva jew iktar rigoruża, fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2005/29, minn dak li l-Istati Membri setgħu jżommu fl-ordinamenti ġuridiċi tagħhom sat-12 ta' Ġunju 2013[8]. Wara dan it-terminu, id-Direttiva 2005/29 tqieset li wasslet għal armonizzazzjoni totali f'dan is-suġġett. Għalhekk il-kunċett nazzjonali tal-kundizzjonijiet tal-preżentazzjoni tal-prezz ma jistax ikompli ħlief jekk ma jkunx jirrifletti l-istat tad-dritt tal-Unjoni.

7 — Emendata fl-aħħar lok mill-BGBl. 1985 I, p. 580.

8 — Fuq dan il-punt, madankollu nirrileva li l-Istati Membri għandhom tali possibbiltà bil-kundizzjoni li jkunu nnotifikaw l-imsemmija miżuri lill-Kummissjoni (ara l Artikolu 3(5) u (6) tad-Direttiva 2005/29). Issa, mill-proċess ma jirriżultax li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet tali notifika tad-dritt nazzjonali tagħha rilevanti għas soluzzjoni tat-tilwima tal-kawża prinċipali.

28. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-reklamar ippubblikat minn Citroën Commerce jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/6 u jekk jikkostitwixxix "offerta ta' prodott" fis-sens ta' din tal-aħħar. Jekk dan huwa l-każ, hija tistaqsi jekk il-prezz ta' bejgħ li għandu jiġi indikat skont it-termini tad-Direttiva 98/6 għandux jinftiehem bħala li jinkludi l-ispejjeż mandatorji ta' trasport tal-vettura.

29. Iżda l-qorti *a quo* tistaqsi wkoll dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/29 u ma teskludix li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jiġi deċiż abbażi ta' din id-direttiva. F'dan il-każ, hija tistaqsi jekk il-prezz li għandu jiġi indikat meta ssir "stedina għax-xiri", fis-sens tal-Artikolu 7(4)(c) tal-imsemmija direttiva, għandux ikun prezz globali, jiġifieri li jinkludi l-imsemmija spejjeż.

30. Quddiem din id-diffikultà marbuta mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Bundesgerichtshof (Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u, permezz ta' deċiżjoni li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Ottubru 2014, tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, it-tliet domandi preliminari segwenti:

"1. Reklam għal prodott li jindika l-prezz li għandu jitħallas għalih jikkostitwixxi offerta fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva [98/6]?

Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

2. Fil-każ ta' offerta fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva [98/6], il-prezz tal-bejgħ li għandu jiġi indikat skont l-Artikolu 1 u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) għandu jinkludi wkoll l-ispejjeż neċessarjament sostnuti li huma marbuta mat-trasferiment ta' vettura bil-mutur mill-manifattur lin-negozjant [bejjiegħ]?

Fil-każ li għall-ewwel jew għat-tieni domanda tingħata risposta negattiva:

3. Fil-każ ta' stedina għax-xiri fis-sens tal-Artikolu 2(i) tad-Direttiva [2005/29], il-'prezz inklużi t-taxxi' li għandu jiġi indikat skont id-dispożizzjoni li tirregola l-ewwel xenarju previst fl-Artikolu 7(4)(ċ) tad-Direttiva 2005/29/KE għandu jinkludi wkoll, fil-każ ta' vettura bil-mutur, l-ispejjeż neċessarjament sostnuti li huma marbuta mat-trasferiment tal-vettura bil-mutur mill-manifattur lin-negozjant?"

31. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, iż-ZLW, il-Gvern Awstrijak u dak Ungeriż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw noti ta' osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

32. Waqt is-seduta, li nżammet fit-30 ta' Settembru 2015, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni għamlu oralment l-osservazzjonijiet tagħhom.

III – Analiżi ġuridika

33. Qabel xejn, għandha tiġi delimitata l-portata tad-domandi li saru lill-Qorti tal-Ġustizzja. Kif fakkar ir-rappreżentant tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ma hijiex qed tfittex li tistabbilixxi jekk ir-reklamar inkwistjoni fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali huwiex kuntrarju għad-Direttiva 98/6 u/jew jekk jikkostitwixxix prattika kummerċjali żleali pprojbita bid-Direttiva 2005/29. Hija tfittex li tikseb l-istat tad-dritt tal-Unjoni sabiex tivverifika jekk l-interpretazzjoni li hija tagħti lid-dritt nazzjonali tagħha hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [9].

9 — Imfakkra fil-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34. Skont dak li tgħid il-qorti tar-rinviju, ir-reklamar ippubblikat fl-istampa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kien jikser id-dritt Ġermaniż, li jirrikjedi li, fir-reklamar, ikun jidher il-prezz globali tal-prodotti, jiġifieri, f'dak li jirrigwarda ċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-prezz ikun jinkludi l-ispejjeż ta' trasferiment tal-vettura sal-istabbiliment tal-konċessjonarju minħabba n-natura mandatorja tagħhom.

35. Sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, għandha tingħata risposta għal żewġ settijiet ta' mistoqsijiet. L-ewwel nett, għandu jiġi stabbilit liema direttiva tirregola l-kundizzjonijiet li fihom il-prezz għandu jiġi indikat fir-reklamar u tiddefinixxi l-livell ta' rekwiżit, l-istandard Komunitarju f'dan ir-rigward. Għal dan il-għan, u fid-dawl tar-regola ta' prijorità li tinsab fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2005/29, ser tiġi eżaminata l-ewwel id-Direttiva 98/6. Insegwitu, fil-każ fejn id-dritt Ġermaniż jintwera li jipproteġi iktar lill-konsumaturi mid-dritt tal-Unjoni, ikun hemm bżonn li iktar tard jiġi vverifikat jekk dan tal-aħħar jawtorizzax lill-Istati Membri jżommu jew jistabbilixxu miżuri iktar ristrettivi meta mqabbla ma' dak li huwa jipprevedi.

A – *Rimarka preliminari dwar l-esklużjoni tad-Direttiva 2006/114*

36. Qabel xejn għandu jiġi spjegat li t-tilwima fil-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv [10]. Il-fatt li l-kawża ma tressqitx minn assoċjazzjoni li tipproteġi l-konsumaturi iżda minn grupp li jirrappreżenta l-interessi tal-kompetituri tas-settur awtomobilistiku seta' jħalli x'jifhem li kienet applikabbli d-Direttiva 2006/114 peress li l-għan tagħha huwa b'mod partikolari li "tipproteġi lill-kummerċjanti minn reklamar qarrieqi u mill-konsegwenzi żleali tiegħu" [11]. Madankollu, dwar il-mertu, id-Direttiva 2006/114 ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-prezz għandu jkun indikat fir-reklamar [12].

B – *Fuq l-ewwel domanda, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/6*

37. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tistabbilixxi jekk ir-reklamar inkwistjoni fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali jistax jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/6, li l-Artikolu 1 tal-PAngV ittraspona. Għal dan il-għan, ikun biżżejjed, skont il-qorti tar-rinviju, jekk l-imsemmi reklamar jikkostitwixxi "offerta ta' prodotti" fis-sens tal-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

38. Huwa possibbli li r-reklamar ippubblikat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi offerta ta' prodotti fis-sens wiesa' u komuni tat-terminu. Madankollu, fil-kuntest tad-Direttiva 98/6, il-kunċett ta' "prodotti offruti mill-negozjanti lill-konsumaturi" imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/6 għandu jiġi interpretat fil-limiti stess tal-għan ta' din tal-aħħar.

39. B'hekk, filwaqt li jitfakkar li l-qorti tar-rinviju qed tfittex li tistabbilixxi liema huma d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar l-indikazzjoni tal-prezz imsemmija fir-reklamar, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel għan tad-Direttiva 98/6 ma huwiex dan. Fil-verità, diversi fatturi jwassluni sabiex niddubita r-rilevanza *ratione materiae* ta' din id-direttiva għas-soluzzjoni tat-tilwima l-kawża prinċipali.

10 — ĠU L 376, p. 21.

11 — Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/114. Ara wkoll is-sentenza Posteshop (C-52/13, EU:C:2014:150, punt 22).

12 — L-Artikolu 3(b) tad-Direttiva 2006/114 jillimita ruħu sabiex jindika li, sabiex jiġi stabbilit jekk reklamar huwiex qarrieqi, għandhom jiġu kkunsidrati l-prezz jew il-mod li bih il-prezz jiġi kkalkolat, u l-kundizzjonijiet li bihom il-merkanzija tkun ipprovduta.

40. Huwa veru li mit-titolu tad-Direttiva 98/6 jirriżulta li din hija ddedikata għall-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' indikazzjoni ta' prezzijiet ta' prodotti offruti lilhom. Madankollu, dan l-għan huwa speċifikat fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/6 li jistipula "indikazzjoni tal-prezz tal-bejgħ u l-prezz għal kull unità ta' kejl ta' prodotti offruti […] lill-konsumaturi sabiex titjieb l-informazzjoni lill-konsumatur u tiffaċilita l-paragun tal-prezzijiet".

41. B'hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa obbligu ġenerali – dak li għandu jiġi indikat kemm il-prezz tal-bejgħ u l-prezz għal kull unità ta' kejl [13] – iżda limitat għall- każijiet li fihom din l-indikazzjoni doppja hija rilevanti jew, tal-inqas, tippermetti li jintlaħaq b'mod iktar effikaċi l-għan li tiġi ffaċilitata l-komparabbiltà.

42. Minkejja li dan l-obbligu ma huwiex espliċitament speċifikat u huwa fformulat, *prima facie*, għall-"prodotti kollha offruti", l-analiżi tal-kamp lessikali tad-Direttiva 98/6 twassalni sabiex nikkonkludi li hija madankollu kienet intiża għall-prodotti msejħa ta' konsum frekwenti, filwaqt li hu mifhum li jistgħu jkunu prodotti tal-ikel kif ukoll prodotti mhux tal-ikel [14]. Fi kwalunkwe każ, dan huwa l-mod kif nifhem ir-referenzi differenti li saru fid-Direttiva 98/6 għal prodotti mibjugħin bil-massa [15], għall-ippakkjar jew għall-ippakkjar minn qabel tal-prodotti [16], għall-piż nett u għall-piż nett xott tal-prodotti [17] jew inkella għal ċerti negozji bl-imnut żgħar [18].

43. Il-fatt li d-Direttiva 98/6 ma kinitx intenzjonata bħala tip ta' direttiva qafas dwar l-indikazzjoni tal-prezzijiet jew ir-reklamar b'mod ġenerali iżda iktar bħala test li jirregola l-kundizzjonijiet li fihom il-prezz tal-prodotti għandu, bħala regola, jintwera b'żewġ modi meta jiġu eżebiti jew proposti għall-konsum f'punt ta' bejgħ huwa kkonfermat ukoll mix-xogħol preparatorju.

44. L-ispjegazzjoni tal-motivi tal-proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti offruti lill-konsumaturi [19] tagħmel, fil-fatt, riferiment għal numru ta' preokkupazzjonijiet marbuta mal-prattiki ta' distribuzzjoni medja u wiesgħa [20] f'dak li jirrigwarda l-ittikketjar tal-prodotti [21] jew ukoll l-iżvilupp tal-qari tal-prezz permezz ta' bar codes [22].

45. Huwa daqstant interessanti li jiġi rrilevat li, minkejja li l-Artikolu 1 tal-proposta ta' direttiva ġie redatt fis-sens li l-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' bejgħ u tal-prezz ta' unità ta' kejl għandu jiġi previst għall-"prodotti offruti mill-kummerċjanti lill-konsumaturi finali", il-Kummissjoni kienet żiedet li dan għandu jkun il-każ meta din l-indikazzjoni doppja kienet rilevanti. Hija b'hekk irrikonoxxiet li "kien hemm numru ta' sitwazzjonijiet fejn il-paragun tal-prezzijiet ma jagħtix tagħrif importanti lill-konsumatur b'mod partikolari meta l-prodotti għandhom karatteristiċi differenti ħafna jew meta jissodisfaw bżonnijiet differenti tal-konsumaturi. Dan huwa l-każ pereżempju tal-prodotti personalizzati, ta' oġġetti ta' lbies, *ta' vetturi bil-mutur*, ta' għamara u tal-prodotti kollha li għalihom indikazzjoni ta' unità […] ma tagħtix tagħrif utili sabiex jiġu pparagunati l-prezzijiet" [23].

13 — Ara l-premessa 7 tad-Direttiva 98/6.

14 — Id-Direttiva 98/6 issostitwixxiet id-Direttivi tal-Kunsill 79/581/KEE, tad-19 ta' Ġunju 1979, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' indikazzjoni ta' prezzijiet ta' ikel (ĠU L 158, p. 19) u 88/314/KEE, tas-7 ta' Ġunju 1988, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti mhux tal-ikel (ĠU L 142, p. 19).

15 — Ara l-premessa 7 u l-Artikoli 2(c) u 3(3) tad-Direttiva 98/6.

16 — Ara l-premessi 5 u 10 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/6.

17 — Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 98/6.

18 — Ara l-premessi 9 u 14 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/6.

19 — COM(95) 276 finali, tat-12 ta' Lulju 1995.

20 — Il-punt 20 tal-ispjegazzjoni tal-motivi jagħmel riferiment b'mod partikolari għall-"ixkaffar għall-espożizzjoni".

21 — Ara l-punt 17 tal-ispjegazzjoni tal-motivi tal-proposta ta' direttiva.

22 — Ara l-punt 20 tal-ispjegazzjoni tal-motivi tal-proposta ta' direttiva.

23 — Punt 27 tal-ispjegazzjoni tal-motivi tal-proposta ta' direttiva. Korsiv miżjud minni.

46. B'hekk, minħabba l-karatteristiċi individwali tagħhom stess li huma varjati ħafna, il-karozzi ma humiex prodotti li fil-konfront tagħhom paragun tal-prezzijiet esposti skont id-Direttiva 98/6 huwa immedjatament rilevanti għall-konsumatur. Sabiex inkun iktar ċar, id-Direttiva 98/6 hija intiża sabiex tiffaċilita l-paragun, għall-konsumatur, tal-prezz ta' kilogramm ta' tadam – peress li t-tadam huwa prodott li faċilment jista' jkun ipparagunat u, fi kwalunkwe każ, strettament ekwivalenti għat-tadam mibjugħ f'ħanut ieħor – bl-istess mod, għall-prodotti tat-tip ta' karozzi, l-indikazzjoni tal-prezz fil-kundizzjonijiet deskritti fid-Direttiva 98/6 ma tistax isservi tali għan fid-dawl tal-livell ta' partikolarità ta' kull vettura [24].

47. Għalhekk, l-obbligu li jiġi indikat il-prezz ta' bejgħ u l-prezz ta' unità tal-kejl impost bid-Direttiva 98/6 għandu jiġi ssostitwit fil-kuntest tal-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlatur li huwa li jiżgura tagħrif tal-istess xorta u trasparenti fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-prodotti bl-għajnuna ta' sistema uniformi ta' miżuri li jippermettu li jiġi ddeterminat il-prezz tagħhom [25] sabiex jiġi ffaċilitat il-paragun. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx mod ieħor meta fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju ddeċidiet li "l-għan tad-Direttiva 98/6 huwa l-protezzjoni tal-konsumaturi mhux fil-qasam tal-indikazzjoni tal-prezzijiet, b'mod ġenerali jew fir-rigward tar-realtà ekonomika tat-tħabbiriet ta' tnaqqis fil-prezz, iżda fil-qasam tal-indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti b'riferiment għal diversi tipi ta' unitajiet tal-kejl" [26].

48. Bħall-Kummissjoni, għandi tendenza li nikkunsidra li l-għan ewlieni tad-Direttiva 98/6 ma huwiex li tiggarantixxi l-protezzjoni tal-konsumaturi f'dak li jirrigwarda l-indikazzjonijiet ta' prezz b'mod ġenerali iżda iktar li tippermetti tagħrif biżżejjed lill-konsumaturi, billi b'mod partikolari tagħmel il-paragun tal-prezzijiet possibbli, meta l-prezz tal-prodotti huwa indikat b'riferiment għal unitajiet ta' kejl differenti. Dan it-tagħrif suffiċjenti huwa mitlub meta l-istess prodott huwa mibjugħ fi kwantitajiet u f'ippakkeġġjar differenti u meta l-konsumaturi għandhom interess jipparagunaw il-prezz tal-prodott inkwistjoni abbażi tal-istess unità ta' kejl.

49. Id-Direttiva 98/6 għalhekk ma tikkostitwixxix ir-regola ta' referenza, fid-dritt tal-Unjoni, fir-rigward ta' indikazzjoni tal-prezzijiet b'mod ġenerali għall-offerti kollha ta' prodotti. Lanqas hija intiża sabiex tirregola, b'mod ġenerali, il-kundizzjonijiet li fihom il-prezzijiet għandhom ikunu indikati fir-reklamar [27]. Għalhekk, ma hijiex l-istandard li miegħu għandha tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

50. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li peress li l-għan tad-Direttiva 98/6 huwa l-protezzjoni tal-konsumaturi, mhux fir-rigward ta' indikazzjoni tal-prezzijiet b'mod ġenerali, iżda fir-rigward ta' indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti offruti b'riferiment għal diversi tipi ta' unitajiet ta' kejl, dispożizzjoni nazzjonali interpretata fis-sens li hija pprojbita, f'kull ċirkustanza, il-prattika ta' kummerċjant li jindika b'mod separat, fir-reklamar, il-prezz ta' vettura, minn naħa, u l-ammont tal-ispejjeż mandatorji ta' trasferiment tal-imsemmija vettura lill-konsumatur, min-naħa l-oħra, ma tistax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva.

51. Preċiżament għaliex id-dispożizzjoni Ġermaniża kif interpretata mill-qorti tar-rinviju ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/6, hija ma għandhiex fuq kollox titqies bħala "dispożizzjoni iktar favorevoli" li l-Istati Membri kellhom id-dritt li jżommu jew li jadottaw fis-sens tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/6, peress li din tal-aħħar ma wettqitx armonizzazzjoni kompleta tal-qasam.

24 — U dan, barra minn hekk, li l-karozzi jkollhom ċertu numru ta' extras.

25 — Ara l-punt 60 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2013:769).

26 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2014:2064, punt 59). Ara wkoll il-punti 58 *et seq*. tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2013:769) li għalihom barra minn hekk tirreferi l-Qorti tal-Ġustizzja.

27 — Fil-fatt, jidhirli li jekk l-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/6 jiġi interpretat fis-sens li prodotti huma offruti meta jkun hemm ir-reklamar, l-ispjegazzjoni fl-Artikolu 3(4) tal-istess direttiva issir kompletament superfluwa.

52. F'dan ir-rigward, jiena għal darb'oħra naqbel perfettament mal-analiżi li għamel l-Avukat Ġenerali Cruz Villalón, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, li fihom huwa kkunsidra li "dawn id-dispożizzjonijiet iktar favorevoli jistgħu loġikament jirreferu biss għall-qasam li huwa s-suġġett tad-Direttiva 98/6, jiġifieri, l-informazzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-kriterji użati bħala punt ta' riferiment għall-fissazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti, sabiex jiġi ffaċilitat il-paragun tal-prezzijiet, [...] , imma b'riferiment għal sistemi differenti ta' kejl"[28]. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/6 ma jistax jiġġustifika ż-żamma tad-dispożizzjoni nazzjonali kif interpretata mill-qorti tar-rinviju, peress li tali dispożizzjoni ma tirreferix għall-qasam li huwa s-suġġett tad-Direttiva 98/6[29].

C – *Fuq it-tieni domanda, dwar il-kunċett ta' prezz fis-sens tad-Direttiva 98/6*

53. Fid-dawl tar-risposta li nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti għall-ewwel domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, ser nagħmel biss żewġ argumenti qosra b'mod sussidjarju għal din id-domanda.

54. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-fatt dwar jekk il-prezz li għalih jirreferu l-Artikoli 1 u 3(1) tad-Direttiva 98/6 għandux jinkludi l-ispejjeż mandatorji ta' trasferiment tal-vettura. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinqraw fid-dawl tal-Artikolu 2(a) ta' din id-direttiva li tiddefinixxi l-prezz bħala "il-prezz finali għal unità tal-prodott, jew kwantità mogħtija tal-prodott, li jinkludi l-VAT u t-taxxi l-oħra kollha". Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-prezz finali huwa kompost mill-prezz tal-prodott, tal-VAT u tat-taxxi l-oħra kollha.

55. Jien inxaqleb lejn li nikkunsidra li l-ispejjeż ta' trasferiment inkwistjoni fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali effettivament ma jaqgħu bl-ebda mod taħt id-Direttiva 98/6, u dan għal diversi raġunijiet differenti.

56. L-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju, li indikat li l-ispejjeż ta' trasferiment jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li għandhom ikunu inklużi fil-"prezz ta' bejgħ" tal-prodott, fis-sens tad-Direttiva 98/6, minħabba n-natura mandatorja tagħhom, għandha tiġi mwieġba li l-analiżi tal-ġenesi tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/6 twassal sabiex jiġi kkunsidrat li ma din ma kinitx l-għażla li għamel il-leġiżlatur, meta, madankollu, kellu l-okkażjoni li jispjegaha fit-test tal-imsemmija direttiva.

57. Fil-fatt, inizjalment, il-proposta ta' direttiva[30] llimitat id-definizzjoni tal-prezz ta' bejgħ bħala "il-prezz għal kwantità speċifika ta' prodott"[31].

58. Fil-proposta emendata tagħha[32], il-Kummissjoni pproponiet li tespandi b'mod sinjifikattiv din id-definizzjoni billi speċifikat li l-prezz finali kien jinkludi "il-VAT, it-taxxi l-oħra kollha u l-ispejjeż tas-servizzi mħallsa b'mod mandatorju mill-konsumatur"[33]. Madankollu, fil-Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 60/96 deċiża mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fis-27 ta' Settembru 1996 sabiex tiġi adottata d-direttiva dwar il-protezzjoni fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi[34],

28 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2013:769, punt 63).

29 — Ara, b'analoġija, il-punt 64 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2013:769).

30 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 19 hawn fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 — Artikolu 2 tal-proposta ta' direttiva. L-ispejjeż mandatorji ta' trasferiment ta' vettura jistgħu preċiżament jaqgħu taħt din il-kategorija.

32 — Proposta emendata ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi COM(96) 264 finali tal-24 ta' Ġunju 1996.

33 — Ara l-Artikolu 2(a) u (b) tal-proposta emendata.

34 — ĠU C 333, p. 7.

il-Kunsill ma żammx din il-formulazzjoni u llimita ruħu sabiex jipproponi li l-prezz ta' bejgħ għandu jinftiehem bħala "il-prezz għal unità tal-prodott, jew kwantità mogħtija tal-prodott" [35] filwaqt li ppreċiża, ftit iktar 'il quddiem fl-abbozz ta' direttiva, li "il-prezz ta' bejgħ u l-prezz ta' unità ta' kejl jirrelataw mal-prezz finali tal-prodott *skont il-kundizzjonijiet iddefiniti mill-Istati Membri*" [36].

59. Sussegwentement, il-Parlament Ewropew adotta emenda sabiex ir-riferiment li kien hemm fil-proposta emendata għall-"ispejjeż tas-servizzi mħallsa b'mod mandatorju mill-konsumatur" jerġa' jidħol [37]. Issa, il-verżjoni finali tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/6 baqgħet mingħajr dan ir-riferiment. Dan jidhirli li juri d-diffikultà li jintlaħaq ftehim fuq eventwali definizzjoni leġiżlattiva iktar preċiża tal-kunċett ta' prezz u tal-komponenti differenti tiegħu.

60. It-tieni nett, għandu jiġi nnotat li l-leġiżlatur semma, meta speċifika l-kunċett ta' "prezz" skont id-Direttiva 98/6, it-taxxi, u mhux l-ispejjeż. Issa, anki hawn, din l-għażla ma hijiex newtrali. Fil-fatt, eżami rapidu ta' kampjun ta' verżjonijiet lingwistiċi differenti itendi li jikkonferma n-natura "pubblika" ta' dawn it-taxxi. Il-verżjoni Spanjoli ssemmi "todos los demás impuestos", il-verżjoni Taljana "ogni oltra imposta", il-verżjoni Ingliża "all other taxes" u l-verżjoni Ġermaniża "alle sonstigen Steuern einschließt". Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, taxxa hija kull piż finanzjarju, anki jekk minimu, impost unilateralment, ikun xi jkun l-isem tiegħu u l-mod ta' kif jiġi applikat [38] riċevuta mill-Istat jew minn korp pubbliku. Peress li l-ispejjeż ta' trasport huma riċevuti mill-manifattur awtomobilistiku, ma għandhomx jiġu kkwalifikati jew assimilati ma' "taxxa" fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/6.

61. Fi kwalunkwe każ, u fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 98/6 li jien fakkart iktar 'il fuq, jiena nibqa' konvint li tali spejjeż ta' trasferiment finalment ma jaqgħux taħt l-imsemmija Direttiva 98/6. Tali konstatazzjoni tidher, barra minn hekk, kompletament koerenti jekk jiġi kkunsidrat, kif insostni, li din tal-aħħar hija intiża sabiex tapplika essenzjalment f'kuntest ta' tqegħid għad-dispożizzjoni immedjat tal-prodotti offruti, imsejħa ta' konsum frekwenti, kif inhu l-każ f'negozji bl-imnut żgħar jew f'distribuzzjoni medja u wiesgħa [39].

62. Peress li, wara l-analiżi tiegħi, ma jidhirx li d-Direttiva 98/6 hija rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, jeħtieġ issa li ssir l-analiżi tad-Direttiva 2005/29.

D – *Fuq it-tielet domanda, dwar il-kunċett ta' "prezz" fis-sens tal-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29)*

63. Id-Direttiva 2005/29 hija ddedikata għall-prattiki kummerċjali żleali. Fiha ċertu numru ta' indikazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-kummerċjanti jistgħu jikkomunikaw, fir-rigward tal-konsumaturi, billi jindikaw, jekk ikun il-każ, il-prezz tal-prodott. B'mod partikolari, l-Artikolu 7(4) tal-imsemmija direttiva jagħti l-lista ta' tagħrif meqjusa importanti li ma jistax jitħalla barra, jinħeba jew jiġi ppreżentat b'mod li jiżgwida lill-konsumatur fil-mument li fih tittieħed "deċiżjoni transazzjonali [kummerċjali]", fis-sens tad-Direttiva 2005/29.

35 — Ara l-Artikolu 2(a) tal-Pożizzjoni Komuni Nru 60/96.

36 — Ara l-Artikolu 4(2) tal-Pożizzjoni Komuni Nru 60/96. Korsiv miżjud minni.

37 — Ara l-emenda 11 tad-deċiżjoni dwar il-Pożizzjoni Komuni deċiża mill-Kunsill fid-dawl tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi, Dok. A4-0015/97 (ĠU C 85, p. 26).

38 — Ara, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' taxxa b'effett ekwivalenti għal dazju doganali, is-sentenzi Bakker Hillegom (C-111/89, EU:C:1990:177, punt 9) u Kernkraftwerke Lippe-Ems (C-5/14, EU:C:2015:354, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 — Sabiex ikun kompletament ċar, ma hijiex kwistjoni li mill-analiżi tiegħi jiġi dedott li ser ikun possibbli, minħabba lakuni tad-Direttiva 98/6 fir-rigward tad-definizzjoni ta' "prezz finali", li jiġi espost b'mod separat il-prezz ta' flixkun ta' litru ħalib u l-ammont tal-ispejjeż mgħoddi fuq il-konsumatur mid-distributur talli wassal il-flixkun sal-ħanut. L-ispejjeż inkwistjoni fil-kuntest tal-kawża prinċipali huma ta' natura kompletament differenti, li jixbhu iktar l-ispejjeż ta' kunsinna ta' prodott li ma jistax jingħad li huwa ta' konsum frekwenti. Fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 98/6 ma tispeċifikax l-kundizzjonijiet li fihom il-prezz finali għandu jiġi indikat.

64. Il-prezz “bit-taxxi kollha inklużi” jagħmel parti minn dan it-tagħrif importanti u l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-fatt jekk dan il-kunċett, iddefinit fl-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29, għandux jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-ispejjeż mandatorji ta’ trasferiment ta’ vettura awtomobilistika mill-manifattur għall-konsumatur. Madankollu, qabel ma jsir l-analiżi tal-imsemmija dispożizzjoni, ser niftaħ l-analiżi tiegħi b’żewġ settijiet ta’ rimarki preliminari.

1. Preċiżazzjonijiet preliminari

65. Minn naħa waħda, insostni li d-Direttiva 2005/29 għandha l-għan li tapprossima l-liġijiet tal-Istati Membri dwar prattiki kummerċjali żleali, inkluż ir-reklamar żleali, li jippreġudika b’mod dirett lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi u b’hekk jagħmel ħsara b’mod indirett lill-interessi ekonomiċi tal-kompetituri leġittimi [40]. Hija wasslet għal armonizzazzjoni kompleta tas-suġġett [41], b’tali mod li l-Istati Membri ma humiex, bħala regola [42], awtorizzati jintroduċu jew iżommu fl-ordinamenti ġuridiċi tagħhom miżuri iktar ristrettivi minn dawk iddefiniti bid-Direttiva 2005/29, anki jekk bil-għan li jiżguraw livell ogħla ta’ protezzjoni tal-konsumaturi [43].

66. Minn naħa l-oħra, infakkar li, skont id-Direttiva 2005/29, il-prattiki kummerċjali żleali jistgħu jieħdu żewġ forom. Jista’ jkun hemm azzjoni qarrieqa (Artikolu 6) jew ommissjoni qarrieqa (Artikolu 7). Peress li l-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment espliċitu għall-kunċett ta’ stedina għax-xiri, li hija espressament imsemmija biss fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29, hija tissupponi li l-prattika kummerċjali tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali taqa’ fil-kategorija ta’ ommissjonijiet qarrieqa. Barra minn hekk, peress li l-imsemmija qorti ma tfittix, f’dan l-istadju, li tikkwalifika *in concreto* l-aġir ta’ Citroën Commerce fir-rigward tad-Direttiva 2005/29, ma hemmx lok li, f’dawn il-konklużjonijiet, terġa’ tissemma din il-premessa.

2. Fuq it-tagħrif importanti dwar il-prezz fil-kuntest ta’ stedina għax-xiri

67. Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa meta, “fil-kuntest fattwali tagħha, b’kont meħud tal-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha u tal-limitazzjonijiet tal-mezz ta’ komunikazzjoni, tħalli barra tagħrif importanti li l-konsumatur medju għandu bżonn, skond il-kuntest, sabiex jieħu deċiżjoni transazzjonali informata u għaldaqstant tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f’ċirkostanzi oħra” [44].

40 — Sentenza Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punt 21).

41 — Ara s-sentenzi VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2009:244, punt 52), Plus Warenhandelsgesellschaft (C-304/08, EU:C:2010:12, punt 41), Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag (C-540/08, EU:C:2010:660, punt 27), Citroën Belux (C-265/12, EU:C:2013:498, punt 20), RLvS (C-391/12, EU:C:2013:669, punt 33) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2014:2064, punti 55, 61 u 64) u d-digriet Sdiscount (C-13/15, EU:C:2015:560, punt 34).

42 — Ħlief awtorizzazzjoni espressa mogħtija mid-Direttiva 2005/29 stess: ara l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2005/29 u s-sentenza Citroën Belux (C-265/12, EU:C:2013:498, punti 21 sa 24).

43 — Ara d-digriet Cdiscount (C-13/15, EU:C:2015:560, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 — Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2005/29. L-Artikolu 7(2) ta’ din l-istess direttiva jiddefinixxi forma oħra ta’ ommissjoni qarrieqa, meta kummerċjant jaħbi tagħrif importanti msemmi fl-Artikolu 7(1) jew jipprovdih b’manjiera “mhux ċara, mhux intelliġibbli, ambigwa u/jew mhux f’waqtha”, li jwassal jew jista’ jwassal sabiex il-konsumatur medju jieħu deċiżjoni kummerċjali li ma kienx jieħu f’ċirkustanzi oħra. Ir-reklamar inkwistjoni fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali aktar jista’ taħt din it-tieni kategorija ta’ ommissjoni qarrieqa, jekk jiġi kkunsidrat li l-indikazzjoni separata tal-prezz tal-vettura u tal-ammont tal-ispejjeż mandatorji ta’ trasferiment fin-nota ta’ qiegħ il-paġna tagħti tagħrif importanti b’mod li ma huwiex daqstant ċar. Iżda, anki hawn, dan ma huwiex l-argument li għandna quddiemna llum.

68. Stedina għax-xiri hija forma partikolari ta' reklamar li miegħu hemm marbut obbligu għoli ta' tagħrif, speċifikat taħt l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/29[45]. L-imsemmija stedina hija ddefinita fl-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2005/29 bħala "komunikazzjoni kummerċjali li tindika karatteristiċi tal-prodott u l-prezz *f'mod adegwat* għall-mezzi ta' komunikazzjoni kummerċjali li ntużaw u li għalhekk tippermetti l-konsumatur jagħmel xirja"[46]. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li din id-dispożizzjoni "ma t[j]eżiġix l-indikazzjoni ta' prezz finali"[47].

69. Madankollu, waqt stedina għax-xiri, "il-prezz inklużi t-taxxi, jew fejn in-natura tal-prodott tfisser li l-prezz ma jistax b'mod raġonevoli jiġi kalkolat minn qabel, il-mod li bih il-prezz hu kalkolat, kif ukoll, fejn ikun xieraq, kull ammont ta' ħlas addizzjonali għat-trasport ta' merkanzija, ħlas ta' kunsinna jew ħlas postali jew, fejn dawn l-ammonti ta' ħlas ma jistgħux jiġu raġonevolment kalkolati minn qabel, il-fatt li tali ammonti ta' ħlas addizzjonali jistgħu jkunu dovuti"[48] huma kkunsidrati bħala tagħrif importanti.

70. Jekk tibqa' strettament mal-kliem tad-domanda magħmula, il-qorti tar-rinviju sempliċement qed tfittex l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "prezz inklużi t-taxxi". Issa, *mutatis mutandis*, hija imposta l-istess konklużjoni bħal dik diġà misluta għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "taxxi l-oħra kollha" fil-kuntest tad-Direttiva 98/6 peress li, għal darb'oħra, analiżi rapida tal-verżjonijiet lingwistiċi tikkonferma n-natura pubblika tar-riferiment magħmul għat-"taxxi". Il-verżjoni Spanjola tirreferi għal "el precio, incluidos los impuestos", il-verżjoni Taljana għal "il prezzo comprensivo delle imposte", il-verżjoni Ingliża għal "the price inclusive of taxes", il-verżjoni Ġermaniża għal "der Preis einschließlich aller Steuern und Abgaben" filwaqt li l-verżjoni Portugiża għal "[o] preço, incluindo impostos e taxas".

71. Għalhekk m'iniex konvint li l-ispejjeż mandatorji ta' trasferiment ta' vettura jistgħu jiġu interpretati bħala li għandhom ikunu integrati fi prezz "inklużi t-taxxi" fis-sens tal-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29.

72. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-domanda magħmula, sabiex ma jkunx hemm enfasi fuq l-espressjoni ta' "il-prezz inklużi t-taxxi", iżda, għall-kuntrarju, ikun hemm tentattiv sabiex l-istruttura tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29 tinftiehem sabiex tiddefinixxi aħjar l-intensità tal-obbligi li jirriżultaw minnha f'termini ta' indikazzjoni ta' prezz.

73. Meta jsir dan, jiġi nnotat, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29 ma jieqafx billi jsemmi biss il-prezz inklużi t-taxxi, iżda jsemmi wkoll "il-mod li bih il-prezz hu kalkolat, kif ukoll, fejn ikun xieraq, kull ammont ta' ħlas addizzjonali għat-trasport ta' merkanzija, ħlas ta' kunsinna jew ħlas postali". Mill-istruttura tat-test ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-prezz hemmhekk huwa indikat fil-komponenti kollha tiegħu u li l-kliem tal-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29, moqrija flimkien, jidhru qed jindikaw b'mod ċar il-prezz jew il-mod ta' kif huwa kkalkolat, minn naħa waħda, u l-komponenti l-oħra tal-prezz bħall-ispejjeż tat-trasport, minn naħa l-oħra. Ikun x'ikun, minn qari tal-imsemmi Artikolu 7(4)(c), ma hemm xejn li jindika li l-prezz huwa maħsub bħala li għandu jinkludi l-ispejjeż ta' trasport u li dan għandu jkun indikat b'mod finali u globali.

45 — Ara l-punt 22 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Ving Sverige (EU:C:2011:47).

46 — Korsiv miżjud minni.

47 — Kawża Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punt 36).

48 — Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29.

74. Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-ommissjoni ta' tagħrif importanti, bħall-prezz kif iddefinit fl-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29, fi kwalunkwe każ, ma hijiex bħala tali prattika kummerċjali żleali għaliex hemm bżonn li dejjem jiġi analizzat, każ b'każ,[49], l-effett ta' din l-ommissjoni fuq l-aġir tal-konsumatur u fuq it-teħid tad-deċiżjoni kummerċjali tiegħu. Mit-termini tad-Direttiva 2005/29 jirriżulta li dan l-analiżi jieħu inkunsiderazzjoni il-kuntest[50] stess tal-prattika kummerċjali inkwistjoni u l-limitazzjonijiet inerenti, f'termini ta' spazju jew ta' żmien, tal-mezz użat għall-komunikazzjoni[51].

75. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li "[i]l-portata tal-informazzjoni dwar il-prezz ser tkun iddeterminata abbażi tan-natura u tal-karatteristiċi tal-prodott iżda wkoll abbażi tal-mezz ta' komunikazzjoni użat għall-istedina għax-xiri u b'kunsiderazzjoni għall-informazzjoni addizzjonali eventwalment fornita mill-kummerċjant. Is-sempliċi indikazzjoni ta' prezz inizjali fl-istedina għax-xiri ma tistax għaldaqstant tiġi kkunsidrata, fiha nnifisha, li tikkostitwixxi ommissjoni qarrieqa."[52]. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet f'idejn il-qorti tar-rinviju l-obbligu li tivverifika jekk l-ommissjoni tal-modalitajiet ta' kalkolu tal-"prezz finali" tipprekludix, jew setgħetx tipprekludi lill-konsumatur milli jieħu deċiżjoni kummerċjali informata[53].

76. Għaldaqstant, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ispejjeż ta' trasport bħal dawk inkwistjoni fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali għandhom ikunu inklużi fil-"prezz inklużi t-taxxi" imsemmi fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/29, xorta jibqa' l-fatt li dispożizzjoni nazzjonali interpretata fis-sens li tipprekludi b'mod assolut l-istediniet għax-xiri li jippreżentaw b'mod separat il-prezz tal-prodotti u l-ammont tal-ispejjeż ta' trasferiment mandatorji tmur lil hinn mil-livell ta' protezzjoni offruta mid-Direttiva 2005/29 għaliex l-imsemmija direttiva jkollha bħala effett li tissanzjona, b'mod ġenerali, l-ommissjoni tat-tagħrif importanti inkwistjoni – jiġifieri l-prezz inkluż l-ispejjeż mandatorji –, meta d-direttiva titlob evalwazzjoni każ b'każ tal-konsegwenzi konkreti tal-imsemmija ommissjoni fuq l-aġir kummerċjali tal-konsumatur qabel ma tkun tista' tikkwalifika l-prassi kummerċjali inkwistjoni bħala "żleali"[54].

77. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dispożizzjoni Ġermaniża kif interpretata mill-qorti tar-rinviju twassal sabiex, fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi kollha, tistabbilixxi prattika kummerċjali meqjusa żleali f'kull ċirkustanza; issa, tali prattiki huma elenkati b'mod limitat fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29, li l-Artikolu 5(5) tagħha jipprevedi speċifikatament li l-imsemmi anness "[j]ista' [t]ġi modifikat[...] biss permezz ta' revizjoni tal-[imsemmija] direttiva"[55].

78. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tagħrif importanti dwar il-prezz ma għandux, fil-kuntest ta' stedina għax-xiri u jkunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi, jieħu l-forma ta' prezz finali globali li jinkludi mhux biss il-prezz tal-prodott iżda wkoll il-komponenti l-oħra kollha tal-prezz finali li għandu jitħallas mill-konsumatur. Fi kwalunkwe każ, in-natura żleali ta' prattika kummerċjali fl-indikazzjoni tal-prezz fi stedina għax-xiri, kif iddefinita fl-imsemmi Artikolu 7(4)(c) għandha tiġi evalwata każ b'każ. Id-Direttiva 2005/29 tipprekludi għalhekk dispożizzjoni nazzjonali interpretata fis-sens li tipprevedi projbizzjoni ġenerali, mingħajr evalwazzjoni każ b'każ li tippermetti li tiġi stabbilita n-natura żleali, ta' reklam li jsemmi b'mod separat, il-prezz tal-vettura, minn naħa, u l-ammont tal-ispejjeż ta' trasferiment mandatorji tal-imsemmija vettura, minn naħa l-oħra.

49 — Ara, b'mod ġenerali, is-sentenzi Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punti 51, 58, 59 u 73) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-421/12, EU:C:2014:2064, punt 56) u d-digriet Cdiscount (C-13/15, EU:C:2015:560, punti 38 u 39).

50 — Artikolu 7(1), (2) u (4) tad-Direttiva 2005/29. Ara, ukoll, is-sentenza Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punti 55, 58 u 73).

51 — Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2005/29. Ara wkoll is-sentenza Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punt 66).

52 — Sentenza Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punti 68 u 69).

53 — Sentenza Ving Sverige (C-122/10, EU:C:2011:299, punt 71).

54 — Ara, b'analoġija, il-punti 39 sa 41 tad-Digriet Cdiscount (C-13/15, EU:C:2015:560).

55 — Ara, b'analoġija, il-punti 38 u 39 tad-digriet Cdiscount (C-13/15, EU:C:2015:560).

IV – Konklużjoni

79. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja) kif ġej:

1) Dispożizzjoni nazzjonali interpretata fis-sens li tipprojbixxi, fi kwalunkwe ċirkustanza, il-prattika ta' negozjant li jindika b'mod separat, f'reklam, il-prezz ta' vettura, minn naħa, u l-ammont tal-ispejjeż mandatorji ta' trasferiment tal-imsemmija vettura lill-konsumatur, min-naħa l-oħra, ma għandhiex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi, li għandha bħala għan il-protezzjoni tal-konsumaturi, mhux dwar l-indikazzjoni tal-prezzijiet b'mod ġenerali, iżda dwar l-indikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti offruti b'riferiment għal tipi differenti ta' unitajiet tal-kejl.

2) L-Artikolu 7(4)(c) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar il-prattiċi kummerċjali żleali", għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tagħrif importanti dwar il-prezz ma għandux, fil-kuntest ta' stedina għax-xiri u jkunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi, jieħu l-forma ta' prezz finali globali li jinkludi mhux biss il-prezz tal-prodott iżda wkoll il-komponenti l-oħra kollha tal-prezz finali li għandu jitħallas mill-konsumatur. Fi kwalunkwe każ, in-natura żleali ta' prattika kummerċjali fl-indikazzjoni tal-prezz fi stedina għax-xiri, kif iddefinita fl-imsemmi Artikolu 7(4)(c) għandha tiġi evalwata każ b'każ. Minn dan jirriżulta li d-Direttiva 2005/29 tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali interpretata fis-sens li tipprevedi projbizzjoni ġenerali, mingħajr evalwazzjoni każ b'każ li tippermetti li tiġi stabbilita n-natura żleali, ta' reklam li jsemmi b'mod separat, il-prezz tal-vettura, minn naħa, u l-ammont tal-ispejjeż ta' trasferiment mandatorji tal-imsemmija vettura, minn naħa l-oħra.